Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 18

It- Tnejn 17 ta' Novembru 2025

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Maryann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.07pm

## 18.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

17.1.1 Is- SE infurma lil Kunsill li rċieva ittra ta' apoloġija mingħand is- Sinjura Camille Scerri li ma setatx tattendi minħabba li kienet ha tkun msiefra. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti

18.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal- Sbatax il- Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

18.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 18.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku

18.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li tkompla x-xogħol ta' twaħħil tal-*perimeter fencing* madwar Gnien Howard.

18.3.2 Is- Sindku infurma lil Kunsill li bħalissa għaddej x-xogħol fuq il-manutenzjoni tal-fanali antiki li jinsabu ġewwa l-Mdina b' fondi ġejjin permezz ta' ftehim mad- Dipartiment tar- Restawr.

18.3.3 Is- Sindku qal li ġie nfurmat mid- Dipartiment tax- Xogħolijiet li fil-ġimgħat li ġejjin ser jibdew x-xogħolijiet minuri ta' manutenzjoni fit-toroq ġewwa l-Mdina

18.3.4 Is- Sindku ġie nfurmat li fi Frar tas-sena d-dieħla ser jitwaħlu zewġ charging pillars barra l-Mdina.

18.3.5 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li x-xogħolijiet ta' restawr fuq Niċċa tal-Assedju fi Valletta Road tlestew.

18.3.6 Is- Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex jinbidel il-*pole* ta' fejn iz-*zebra crossing* ta' quddiem is- Saqqajja bar peress li tgħawweg.

## 18.4 Rapport Finanzjarju tat- Tlett Xhur minn Lulju sa Settembru 2025

18.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn Lulju sa Settembru 2025. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- SE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal- Kunsilliera

18.4.2 Rapport finanzjarju ġie approvat mill-Kunsill unanimament

**18.5 Tizjin tal- Milied u Dawl Dekorattiv**

18.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-unika offerta li ntefgħet fuq kwotazzjoni għal dawl dekorattiv tal-Milied li kienet ta' Carl Caruana u tammonta għal €6000 ezkluz VAT.

18.5.2 Din l-offerta ġiet approvata unanimament

**18.7 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

18.7.1 DLG- Cirkulari Nru 5/ 2025 Għeluq tas- Sena Finanzjarja 2025.

18.7.2 LESA- Fondi Proġetti Fil-Komunitajiet 2024-2026. Il-Kunsill approva unanimament li japplika permezz ta' dawn il-fondi għal installar ġdid ta' sistema ta'CCTV cameras li jikkontrolla d-dħul u ħruġ ta' karozzi ġewwa l-Mdina.

18.7.3 Online Permit System for Local Councils- Il-Kusill qed jintalab li fix-xhur li ġejjin joħroġ sejħa għal offerti ta' sistema online għal ħruġ ta' permessi in ġenerali. F' dan ir-rigward is- SE qal li s-sistema attwali li għandu hija ideali għal dan it-tip ta' permessi. Din is-sistema kienet ġiet introdotta mill-istess Dipartiment għal Gvern Lokali. Huwa jidhirlu li bħala Kunsill għandu jmur għal din it-tip ta' sistema. Il-Kunsill fuq r-rakkomandazzjoni tas- SE approva li jiħi firmat ftehim ma' l-istess ditta li qed tipprovdi s-servizzi bħalissa.

**18.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

17.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 17 ta' Novembru 2025 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 20,640.17

17.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**18.9 Tmiem tal- Laqgħa**

18.9 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 16.22pm u ġiet aġġornata għal- 18 ta' Novembru 2025 fit-10am.

| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___18 ta' Diċembru 2025__